# Id-Disa′ Forma tal-Verb Semitiku

www.maltikurja.com

## *Kif titnissel din il-forma?*

Il-verb tad-IX forma jitnisslu mill-verb Ewlieni (*illum mitluf*) billi jinxtorbu f'monosillabiċi b'vokali twila.

Eż: isfar = sf**a**r

oħxon = ħx**ie**n

Dawn il-verbi juru l-ksib ta' xi kwalità, difett fiżiku, kif ukoll ta' xi kulur.

Eż: iblah = bl**ie**h; abjad = bj**a**d.

Dawn il-verbi għandhom tifsira intranżittiva.

***Meta nikkonjugawhom fl-Imperfett:***

Dawn jeħtieġu l-vokali ewfonika **i** wara l-ittra servili tal-Imperfett.

Eż: krieh = n**i**krieh, t**i**krieh, j**i**krieh, t**i**krieh, n**i**kriehu, t**i**kriehu, j**i**kriehu.